# Il-Mużika fil-Festa Maltija (VII):

# Il-Marċ Militari



Mro Manoel Pirotta

DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL (Comp.) Ċert. (Qarrej tal-Provi) [Melit.]

Fir-repertorju bandistiku, dari ħafna aktar mil-lum, kienu jeżistu marċi ta' tipi differenti li ħarġu mill-pinna ta' surmastrijiet Maltin, jew surmastrijiet barranin li mexxew uħud mill-baned qodma Maltin, li kienu jindaqqu waqt il-festi. Fost dawn insibu l-marċ militari – preċedessur tal-marċi brijużi Maltin kif nafuhom illum. Jerġa' barra minn Malta, il-marċ bħala ġeneru mużikali ħareġ mill-militar fejn s-soltu jindaqq minn banda waqt l-immarċjar.

Iżda, kif se naraw, jeżistu marċi militari oħrajn fir-repertorju klassiku, fosthom tlieta ta' Schubert u ieħor ta' Saint-Saëns, b'dan tal-aħħar jifforma parti minn xogħol ikbar deskrittiv. F'dal-artiklu wkoll, ma jonqosx illi nitkellmu ftit dwar ix-xogħlijiet bandistiċi tant magħrufin ta' John Philip Sousa – ir-re tal-marċi militari.

Il-Marċi Militari: Il-marċi brijużi Maltin kif nafuhom jindaqqu fil-festi tagħna mhux minn dejjem kienu. Qabilhom kien hemm dawk militari fejn kompożituri Maltin kienu jimxu fuq il-mudell ta' dawk imdaqqa mir-riġmenti tan-Navy Ingliża stazzjonati f'pajjiżna meta konna kolonja tal-Imperu Ingliż. Biex nieħdu eżempju, fost il-ħafna surmastrijiet Maltin ta' dik l-epoka nsibu lil Mro Antonio Miruzzi (1867-1944) li kien jidderieġi ħafna baned u kkompona għexieren sħaħ ta' bċejjeċ mużikali f'kull forma possibbli.

Minn kitba ta' Joseph Mifsud Matrenza[1] nsiru nafu li ħafna mill-funerali ta' suldati morda u feruti mill-Gallipoli u d-Dardannelli – li kienu jmutu f'wieħed mill-ħafna sptarijiet militari li kien hawn mxerrdin ma' Malta fi żmien l-ewwel gwerra dinjija – kienu jiġu akkumpanjati mill-baned militari bid-daqq kiebi ta' marċi saċ-ċimiterju Ta' Braxja, limiti tal-Ħamrun. Dax-xeni ta' niket kienu jispiraw lil das-surmast biex jikteb marċi funebri.

Iżda l-istess baned militari Ingliżi kienu jiġu mistiedna wkoll biex iferrħu lin-nies fil-festa Maltija bid-daqq ta' marċi militari. Is-

1 'Maestro Antonio Miruzzi' – Ktieb tal-festa San Gejtanu 1994, pp. 235-247 (Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp, il-Ħamrun).



Franz Schubert – l-awtur ta' tliet marċi militari



Camille Saint Saens



John Philip Sousa

surmastrijiet Maltin għoġbithom l-idea u tħajru jiktbu f'dal-istil ferrieħi. Ġara li biż-żmien il-marċ militari beda jittrasforma u jadatta ruħu skont il-ħila u t-temperament ta' min jiktbu biex illum għandna dak brijuż.

Kellek imbagħad surmastrijiet Maltin u oħrajn barranin li kienu jidderieġu diversi baned *On Her Majesty's Navy*, bħalma huma *Ceres* u *Calypso*. Fost dawn insibu lil Mro Luigi di Mauro (1882-1942), Kataniż, li kellu l-banda 'Leone' tal-Belt Victoria f'Għawdex. Oħrajn kienu jmexxu baned militari Maltin jew barranin. Mro George Hendren (1885-1922), imwieled l-Imdina, l-ewwel laħaq surmast-direttur tal-ewwel battaljun tal-banda militari tal-milizzja Maltija u mbagħad, wara li ntbagħat Londra biex iżid jitħarreġ fl-arti, sar *Bandmaster* tal-Artillerija Maltija flok Mro Manwel Bartoli (1852-1932) li kien irtira.

Dan tal-aħħar ukoll kien mar Londra biex jistudja, u wara li għamel eżami, kiseb il-post ta' *Bandmaster* fir-riġment tar-*Royal Malta Artillery* (RMA). *Bandmaster* ieħor kien Mro Giuseppe Malfiggiani Wolgenchaffer (1828-1893) li kien responsabbli mis-*Second Battalion of the Eighth (King's) Regiment* kemm damet stazzjonata hawn Malta.

Fost il-ħafna surmastrijiet tat-tieni nofs tas-seklu dsatax li kitbu marċi militari għall-baned Maltin insibu tnejn ta' Mro Vincenzo Carabott (1844-1914): *Archimede* u *Calypso*. Das-surmast kien surmast-direttur ta' għadd ta' baned, *maestro di cappella*, vjolinist u kompożitur ta' bċejjeċ sagri u bandistiċi. L-Isqalli Mro Giovanni Giumarra (1861-1936), li nġieb Malta biex jidderieġi l-banda 'San Lawrenz' tal-Birgu u l-'Leone' t'Għawdex, ukoll kiteb ruxxmata marċi militari. Il-lista li jtina Grazio Anton Grech[2] tinkludi dawn li ġejjin: *Poesia della Vita*, *Dragoni Savioa*, *Omaggio a Città Vittoria*, *Melita*, *I Volentieri d'Africa*, *Carezze Estive*, *Santa Maria Assunta*, *San Lorenzo*, *24 Maggio 1915*, *Festività*, *Little Baby*, *Fauste Nozze*, *Democrazia* u *Agli Eroi del 1565*.

Il-lista fiha wkoll *Canti Vesuviani*, li għandu aktar minn marċ Naplitan, u *Royal Family*, li minn ismu jixhed li huwa tat-tip imperjali. Mro Orlando Crescimanno (1861-1923), Senglean ta' nisel Taljan u surmast tal-baned, tana żewġ marċi militari: *Unione* u *Jolonda*, filwaqt li l-Għawdxi Mro Anton Aquilina (1864-1950) tana tal-anqas *Marcia Militare* wieħed li ma jġibx isem. Lil Mro Lorenzo Gonzi (1887-1934), Ġirbi, ukoll insibulu l-marċ militari *Avanti Maltese*. Hemm imbagħad tnejn oħrajn ta' Mro Mikiel Farrugia (1898-1969), Għawdxi ieħor mill-Belt Victoria, bl-isem ta' *San Giorgio* u *Santa Marija*.

L-aħħar wieħed fil-lista ta' surmastrijiet imwielda lejn l-aħħar tas-seklu dsatax huwa Mro Willie Attard (1899-1970) mill-Ħamrun, surmast-direttur ta' għadd ta' baned. Tiegħu nsibu l-*marcia militare 'Maria' per banda* (1929) għall-banda Ġużeppina Ħamruniża li huwa

2 Grech, Grazio Anton: 'Erbatax-il Profil ta' Mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin (Għawdex, 1998)




Il-faċċata tal-partitura tal-marċ Maria ta' Wille Attard

ddedika lill-għarusa tiegħu Maria Cachia, Sengleana – dik li mbagħad saret martu u minnha kellu sitt ulied. Dan kien l-ewwel marċ mill-pinna tiegħu mindu kien laħaq surmast tal-banda msemmija f'Ottubru 1928. Il-marċ iġib id-data tat-13 t'April 1929. Marċ militari ieħor minn tiegħu huwa *Our Victory*, datat it-3 t'April 1944.

Fir-repertorju klassiku wkoll insibu xi marċi militari famużi mill-pinna ta' kompożituri ċelebri, fosthom tlieta ta' Franz Schubert (1797-1828) u ieħor ta' Camille Saint-Saëns (1835-1921).

*Trois Marches Militaires* Op. 51, D. 733: Dat-tliet marċi militari nkitbu minn Franz Schubert (1797-1828) – kompożitur Awstrijak magħruf ħafna għall-kanzunetti klassiċi tiegħu ta' 'l fuq minn 600 waħda – meta hu kien residenti fid-dar sajfija tal-Konti Johann Karl Esterházy f'Zseliz, l-Ungerija, fejn kien jgħallem il-pjanu liż-żewġt ibniet tiegħu.

Dat-tliet marċi militari għall-pjanu għal erba' idejn u xogħlijiet oħra simili nkitbu proprju biex

ikompli f'paġna 26

# Il-marċ trijonfali

ikompli minn paġna 16

fuqhom setgħu jitgħallmu dal-istrument. Iżda għall-kuntrarju tal-marċi kif nafuhom aħna, it-tlieta ta' Schubert għandhom forma ternarja, bit-triju jidħol bejnet iż-żewġ taqsimiet ta' barra, magħmulin mill-istess materjal. L-aktar magħruf fosthom huwa l-ewwel marċ in Re maġġuri, immarkat *Allegro vivace*, mogħni bl-isbaħ melodija possibbli li qatt ħarġet mill-pinna romantika tiegħu. It-tnejn l-oħra għandhom tonalità differenti: in Sol maġġuri (*Allegro molto moderato*) u in Mib maġġuri (*Allegro moderato*) rispettivament.

*Marche Militaire Française*: Dal-marċ militari għall-orkestra ta' Camille Saint-Saëns (1835-1921) – kompożitur Franċiż tal-era Romantika – jifforma parti mill-i*Suite Algérienne* Op. 60 (1879) li fiha erba' movimenti programmatiċi, bil-marċ militari Franċiż jiġi l-aħħar wieħed u l-aktar favorit fosthom. Ix-xogħol kitbu fi żmien meta kienet għaddejja l-gwerra Franko-Prussjana (1870-1), bl-ewwel tliet movimenti ispirati minn xeni tipiċi Alġerini – il-pajjiż li hu kien tant iħobb u żar kemm-il darba. Iżda, fil-każ tar-raba' moviment, Saint-Saëns ġie ispirat mill-armata Franċiża. Bis-suċċess li nkiseb minn dax-xogħol, huwa, flimkien ma' Romain Bussine (1830-1899) – kantant, għalliem tal-vuċi, traduttur u poeta Franċiż – waqqfu l-famuża Soċjetà Nazzjonali tal-Mużika bl-għan li jippromwovu xogħlijiet Franċiżi ta' xeħta orkestrali u *da camera*.

Mill-banda l-oħra nqisu lil John Philip Sousa (1854-1932) bħala r-re tal-marċi militari peress li kiteb mhux anqas minn 136 wieħed mill-1873 'il quddiem. [Hawn Malta, surmastrijiet bħalma huma l-Maġġur Anthony Aquilina (1906-85) u Mro Vincenzo Ciappara (1890-1979) huma magħduda bħala rejiet tal-marċi Maltin mad-dilettanti tal-mużika bandistika.] Uħud mill-marċi tiegħu, Sousa, li kien kompożitur u surmast Amerikan tal-epoka Romantika tardiva, ħadhom minn xogħlijiet oħrajn tiegħu, fosthom melodiji u operetti.

Fost l-aktar marċi militari magħrufin li hemm fir-repertorju vast tiegħu insibu *The Stars and Stripes Forever* (1896) – li huwa l-marċ nazzjonali tal-Istati Uniti; *U.S. Field Artillery* (1917) – il-marċ uffiċjal tal-armata Amerikana; *Semper Fidelis* (1888) – li sar fuq talba tal-President Chester A. Arthur (1829-86) innifsu biex ikun l-innu personali tal-President Amerikan; *The Washington Post* (1889) – fl-okkażjoni ċerimonjali tal-premjazzjoni ta' konkors letterarju mniedi minn *The Washington Post*.

Il-marċ indaqq għall-ewwel darba fil-preżenza tal-President Benjamin Harrison (1833-1901); *The Liberty Bell* (1893) – għall-bidu, il-mużika tiegħu nkitbet bħala operetta fuq talba tal-attur Amerikan Francis Wilson (1854-1935), imma aktar tard Sousa dawru f'marċ. L-isem tiegħu huwa ispirat mill-kxif ta' pittura tal-*Liberty Bell* f'Chicago li tissimbolizza l-indipendenza Amerikana; *Hands Across the Sea* (1899) – aktarx ispirat minn inċident li seħħ fil-gwerra Franco-Amerikana. Indaqq għall-ewwel darba fl-akkademja mużikali ta' Philadelphia.